

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Kajometal s.r.o. (Dolny Kubin, is-Slovakkja)

### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob lill-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tiddikjara r-rikors bħala fondat;
- tannulla d-deċiżjoni mogħtija fil-21 ta' Jannar 2011 mit-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI fil-Każ R 864/2010-2;
- tissostitwixxi din id-deċiżjoni b'oħra li tiċħad ir-reġistrazzjoni tat-trade mark KX Nru 61225405;
- tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

*Applikant għat-trade mark Komunitarja:* Kajometal s.r.o.

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* it-trade mark verbali KX għall-prodotti fil-klassi 7.

*Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjtal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* COMPLEX S.A.

*Trade mark jew sinjal invokat:* it-trade mark Komunitarja verbali Nru 3 588 241 CX, irreġistrata għall-prodotti fil-klassi 7, it-trade mark Komunitarja grafika Nru 397 932 CX PRECISION BEARINGS, irreġistrata għall-prodotti fil-klassi 7.

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:* oppożizzjoni miċħuda.

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell miċħud.

*Motivi invokati:* Applikazzjoni żbaljata tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009 <sup>(1)</sup> fuq it-trade mark Komunitarja, peress li teżisti probabbiltà ta' konfużjoni bejn it-trade marks kunfliġġenti.

<sup>(1)</sup> Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU L 78, 24.3.2009, p. 1).

**Rikors ippreżentat fit-8 ta' April 2011 — EyeSense vs UASI — Osypka Medical (ISENSE)**

(Kawża T-207/11)

(2011/C 194/23)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

### Partijiet

*Rikorrenti:* EyeSense AG (Basel, l-Isvizzera) (rappreżentant: N. Aicher, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Osypka Medical GmbH (Berlin, il-Ġermanja)

### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-4 ta' Frar 2011 fil-Każ R 1098/2010-4;
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż, inklużi l-ispejjeż tal-proċedimenti ta' appell quddiem l-UASI.

### Motivi u argumenti prinċipali

*Applikant għat-trade mark Komunitarja:* Osypka Medical

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* it-trade mark verbali "ISENSE" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 9, 10 u 42 — Applikazzjoni Nru 7 165 327

*Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjtal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* ir-rikorrenti

*Trade mark jew sinjal invokat:* it-trade mark verbali nazzjonali "EyeSense" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 10 u 42

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:* oppożizzjoni miċħuda

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell miċħud

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 <sup>(1)</sup>, billi kien hemm probabbiltà ta' konfużjoni bejn it-trade marks kunfliġġenti.

<sup>(1)</sup> Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU L 78, p. 1).

**Rikors ippreżentat fit-18 ta' April 2011 — Progust, SL vs UASI — Sopralax & Vosmarques (IMPERIA)**

(Kawża T-216/11)

(2011/C 194/24)

Lingwa tar-rikors: l-Ispanjol

### Partijiet

*Rikorrenti:* Progust, SL (Girona, Spanja) (rappreżentanti: M. E. López Camba u J. L. Rivas Zurdo, avukati)